MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 121/1990/1

Avukat Reno Borg ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc (korrezzjoni awtorizzata b'digriet tal-Qorti tas-6 ta' Frar, 1998) u b'nota ta' l-20 ta' Mejju, 1996 Paul Gambina assuma l-atti tal-kawza ghan-nom u in rapprezentanza tal-Bank of Valletta plc

**VS**

(i) Joseph Borg u Moira Balzan (zieda awtorizzata b'digriet tal-15 ta' Novembru, 1993) ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' kummercjali Ten to Midnight Ltd;

(ii) Joseph Borg ghan-nom u in rapprezentanza ta' Marks & Charles Ltd. u,

(iii) Joseph Borg f'ismu proprju u b'digriet tas-17 ta' Marzu, 1997 Moira Balzan u Eugenio sive Gino Borg gew kjamati in kawza u b'digriet tas-26 ta' Gunju, 1997 gew nominati Dr Nives Grixti u PL Veronica Rossignaud bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-imsiefer Eugenio sive Gino Borg u

b'nota tat-13 ta' Ottubru, 1997 Dr Toni Abela assuma l-patrocinju (kelma sostitwita b'digriet ta' l-1 ta' Dicembru, 1997 bil-kliem - "atti tal-kawza") tal-kjamat in kawza Eugenio sive Gino Borg

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni ppresentata fl-1 ta- Frar 1990, fejn l-attur *nomine* ppremetta illi permezz ta' zewg kuntratti tas-26 ta' Frar, 1987 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion (Doks A u B) l-attur *nomine* ikkonceda *overdraft* u *loan facilities* lis-socjeta' kummercjali Ten to Midnight Ltd bit-termini u l-kundizzjonijiet hemm imsemmija;

Ippremetta li Joseph Borg f'ismu proprju u f'isem is-socjeta' kummercjali Marks & Charles Limited iggarantixxa d-debiti tas-socjeta' kummercjali Ten to Midnight Ltd mal-Bank of Valletta Ltd;

Ippremetta li llum l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut *proprio u nomine* fis-somma ta' mitt elf mija u disghin liri maltin u erba' u tletin centezmu bilanc ghad-debitu fl-*overdraft* u *loan accounts* tas-socjeta' kummercjali Ten to Midnight Ltd (Dok D1 sa D9 u E1 sa E12) salvi mghaxijiet ulterjuri mit-30 ta' Settembru, 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Ippremetta li l-attur *nomine* interpella lill-konvenut *proprio* u *nomine* sabiex ihallas d-debitu fuq imsemmi izda baqa' inadempjenti.
Talab ghalhekk li l-konvenut ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex fil-kwalitajiet kollha premessi:-

(i) tikkundannah ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' mitt elf mija u disghin liri maltin u erba' u tletin centezmu (LM100,190.34) bilanc ghad-debitu tas-socjeta' kummercjali Ten to Midnight Ltd mal-Bank of Valletta Ltd salvi l-imghaxijiet mit-30 ta' Settembru, 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' l-24 ta' Ottubru, 1989 u bl-imghaxijet mit-30 ta' Settembru, 1989 sad-data ta' l-effettiv pagament u bil-konvenut Joseph

Borg fil-kwalitajiet premessi ngunt minn issa ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-konvenut Joseph Borg *proprio et nomine* fejn ecepixxa:

(1) Illi d-domandi attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-garanzija assunta mill-konvenut personament hija nulla u dan peress li giet assunta minghajr il-kunsens tal-mara tal-konvenut u dan kif rikjest mill-ligi a tenur ta' l-artikolu 1318 (1) u 1318 (4) tal-Kodici Civili.
(2) Illi bla pregudizzju ghall-premess l-ammont indikat mhux dovut fl-intier tieghu billi jinkludi fih ammonti li jirraprezentaw imghaxijiet fuq imghaxijiet.
(3) Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Borg *proprio et nomine* et li biha jissolleva li c-citazzjoni hija nulla u *del resto* l-konvenuta socjeta' "Ten to Midnight Ltd." mhix legalment notifikata stante li r-rapprezentanza giuridika tvesti f'zewg diretturi w mhux direttur wiehed.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-15 ta' Novembru, 1993, li in forza tieghu ordnat korrezzjoni fl-okkju tal-kawza biex wara l-isem ta' Joseph Borg, fl-intestatura numru wiehed, jigu nseriti l-kliem "u Moira Balzan";

Rat in-nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti Moira Balzan u Joseph Borg fil-kwalita' taghhom ta' diretturi tas-socjeta' Ten to Midnight Limited ghan-nom u in rappresentanza ta' l-istess kif debitament awtorizzati li ecepixxew:-
(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-azzjoni oddjerna hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 2156(F) tal-Kodici Civili.
(2) Illi bla pregudizzju ghal premess d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-ammont indikat mhux dovut fl-intier tieghu billi jinkludi fih ammonti li jirraprezentaw imghaxijiet fuq imghaxijiet.

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tas-17 ta’ Marzu, 1997, li *in forza* tieghu ordnat il-kjamata fil-kawza ta’ Moira Balzan u Eugenio *sive* Gino Borg;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet tal-kjamata in kawza Moira Balzan fejn ecepixxiet:

(1) Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-proprjeta’ li qed tiggarantixxi il-hlas lura tas-self, jekk huwa dovut, kienet proprjeta’ tal-komunjoni ta’ l-akkwisti eziztenti bejn il-konvenut Joseph Borg u martu Vivienne Borg li mietet fis-27 ta’ Marzu, 1986 u liema proprjeta’ qatt ma setghet tkun taghmel tajjeb ghad-dejn ta’ terzi minghajr il-kunsens ta’ l-ulied werrieta ta’ Vivienne Borg stante li dan is-self gie maghmul fis-26 ta’ Frar, 1987 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion.
(2) Ili l-esponenti flimkien ma’ huha Gino Borg huma l-unici eredi ta’ ommhom Vivienne Borg hu ghalhekk kopropjetarji ma’ missierhom Joseph Borg u ghalhekk huwa qatt ma seta’ jiggarantixxi bil-proprjeta’ li mhijiex tieghu stante li huma ghandhom sehem indiviz ammontanti ghal kwart indiviz tal-proprjeta’ St. Joseph, St. Thomas Street, Fgura.
(3) Barra minn hekk bla pregudizzju ghall-premess l-attur kif jirrizulta mis-*sanction letter* datata 2 ta’ Frar, 1987 kellu jitlob il-garanzija solidali apparti tas-socjetajiet konvenuti ta’ Joseph Borg, Maria Borg u Theresa Fava u dan ghas-somma ta’ LM112,000. Kuntrarjament ghal dan, l-attur naqas milli josserva l-obbligi assunti minnu u ghalhekk f’dan il-kaz huwa ppregudika il-pozizzjoni tal-garanti solidali l-ohra peress illi huma internament bejniethom jistghu jigu esposti biex ihallsu ammonti ferm akbar meta huma fil-fatt kienu responsabbli ghal somom anqas li jistghu ikunu dovuti. Ghalhekk gia la darba dawn il-garanziji solidali ma ingabux il-garanti solidali Joseph Borg u Marks and Charles Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-Kodici Civili.
Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti tas-26 ta’ Gunju 1997, li in forza tieghu gew mahtura l-avukat Dottor Nives Grixti u l-Prokuratur Legali Veronica Rossignaud bhala kuraturi biex jirrappresentaw lill-assenti Eugenio sive Gino Borg ghall-finijiet kollha tal-ligi;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut *nomine* l-Avukat Dottor Nives Grixti u Prokuratur Legali Veronica Rossignaud ecepixxew:-

1) Illi l-eccipjenti mhumiex edotti mill-fatti u ghalhekk jirriservaw illi jaghtu l-eccezzjonijiet opportuni fi stadju ulterjuri;
2) Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-Nota ta' Dottor Toni Abela li biha assuma l-Atti tal-kawza tal-kjamat in kawza Eugenio sive Gino Borg;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet in kawza Dr. Toni Abela bhala mandatarju specjali ta' Eugenio sive Gino Borg fejn ecepixxa:-

1) Illi d-domandi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-proprjeta' li qed tiggarantixxi l-hlas lura tas-self, jekk huwa dovut, kienet proprjeta' tal-Komunjoni ta' l-Akkwisti ezistenti bejn il-konvenut Joseph Borg u martu Vivienne Borg li mietet fis-27 ta' Marzu, 1986 u liema proprjeta' qatt ma setghet tkun taghmel tajjeb ghad-dejn ta' terzi minghajr il-kunsens ta' l-ulied werrieta ta' Vivienne Borg, stante li dan is-self gie maghmul fis-26 ta' Frar, 1987 fl-atti tan-Nutar Carmel Mangion;
2) Illi l-eccipjent flimkien m'ohtu Moira Balzan huma l-unici eredi t'ommhom Vivienne Borg u ghalhekk ko-propjetarji ma' missierhom Joseph Borg u ghalhekk huwa qatt ma seta' jiggarantixxi bil-proprjeta' li m'hijiex tieghu stante li huma ghandhom sehem indiviz ammontanti ghal kwart indiviz tal-proprjeta' "St. Joseph", St. Thomas Street, Fgura.
3) Barra minn hekk, bla pregudizzju ghall-premess, l-attur kif jirrizulta mis-*sanction letter* datata 2 ta' Frar, 1997, kellu jitlob il-garanzija solidali, apparti tas-socjetajiet konvenuti, ta' Joseph Borg, Maria Borg u Thersa Fava u dan ghas-somma ta' LM122,000. Kuntrarjament ghal dan, l-attur naqas milli josserva l-obbligi assunti minnu u ghalhekk f'dan il-kaz huwa ppregudika l-pozizzjoni tal-garanti solidali l-ohra peress illi huma nterament bejniethom jistghu jigu esposti biex ihallsu ammonti ferm

akbar meta huma fil-fatt kienu responsabbli ghal somom inqas li jistghu jkunu dovuti. Ghalhekk galadarba dawn il-garanziji solidali ma ngabux, il-garanti solidali Joseph Borg u Marks and Charles Limited ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju a tenur tal-Kodici Civili.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tas-6 ta' Frar, 1998, li in forza tieghu ordnat illi l-kelma "Ltd" fl-isem tas-socjeta' attrici tigi sostituita bil-kelma "P.L.C.";

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Mejju 1999, li in forza tieghu awtorizzat lill-konvenut *proprio* jipprezenta Nota ta' l-Eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Borg .fejn ecepixxa ulterjorment:

1) Illi bla pregudizzju ghall-eccezzjonijiet gia' sollevati mill-esponenti huwa jeccepixxi ulterjorment bir-rispett illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra is-socjeta' attrici stante li il-bank attur ippregudika id-drittijiet tal-esponenti u bhala tali, abbazi ta' l-artikolu 1959 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-esponenti ma ghadux obbligat favur l-istess bank, lanqas *in solidum* mad-debitur principali u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju immedjatament.

2) Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-11 ta' Mejju, 2000, li in forza tieghu cahdet it-talba ghall-isfilz tan-nota ta l-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut Joseph Borg;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tat-18 ta' Gunju 2001, li in forza tieghu ordnat li l-kawza tigi trattata fuq il-punti kollha involuti fiha, b'mod li jkun hemm trattazzjoni u decizjoni unika dwarhom;

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet skambjali bejn il-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;
Illi f'din il-kawza l-Bank attur qed jitlob hlas tal-bilanc dovut wara li kienu gew koncessi lis-socjeta' Ten to Midnight Limited *overdraft* u *loan facilities*, liema *loan* u *overdraft* kienu gew garantiti mill-konvenut personalment u mis-socjeta Marks & Charles Limited; is-somma bilancjali mitluba hija ta LM100,190.34c, bl-imghaxijiet ulterjuri mit-30 ta' Settembru, 1989, sad-data tal-pagament effettiv.

Illi tul is-smigh tal-kawza gew sollevati diversi eccezzjonijiet li, fil-qosor, jinkwadraw ruhhom fis-segwenti:

1) Illi l-garanzija assunta mill-konvenut personalment hija nulla peress ill giet assunta minghajr il-kunsens ta' mart il-konvenut;
2) Illi l-ammont indikat mhux dovut fl-intir tieghu billi jinkludi fih imghaxijiet komposti;
3) Illi-citazzjoni hija nulla u s-socjeta' konvenuta Ten to Midnight Limited mhux legalment notifikata stante li r-rapprezentanza guridika tvesti f'zewg diretturi u mhux direttur wiehed;
4) Illi t-talba attrici hija preskritta bil-preskrizzjoni ta' hames snin *ai termini* ta' l-artikolu 2156(F) tal-Kodici Civili;
5) Illi l-proprjeta' li l-konvenut Joseph Borg ta' bhala garanzija ghas-self kienet tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti bejnu u martu Vivienne, u kwindi l-konvenut ma seta qatt jipotekaha minghajr il-kunsens tal-ko-proprjetarju l-iehor jew l-eredi taghha;
6) Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante illi l-Bank attur ippregudika d-drittijiet tal-konvenut a bazi ta' l-artikolu 1959 tal-Kodici Civili.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-ewwel eccezzjoni, il-garanzija in kwistjoni giet iffirmata fl-1987, fil-waqt li r-rekwisit li garanzija bankarja biex torbot lill-komunjoni ta' l-akkwisti, trid tigi ffirmata kemm mir-ragel kif ukoll minn martu giet introdotta fl-1 ta' Dicembru, 1993, minghajr effett retroattiv, b'ligi (Att XXI tal1993) li radikalment biddlet is-sistema ta' l-amministrazzjoni tal-komunjoni ta' l-akkwisti, li, bis-sahha ta' dik il-ligi, giet fdata lill-koppja mizzewga flimkien. Qabel din il-ligi, ir-ragel kien jamministra l-komunjoni ta' l-akkwisti <u>wahdu</u> in omagg tal-principji li

*maritus vivit ut dominus, moritur ut socius* u li *uxor non est socia sed speratur fare*. Il-kontroll tar-ragel fuq il-komunjoni kien assolut, tant li gieli kien jissejah "*kap u padrum*" tal-komunjoni. Il-proprjeta' parafernali tar-ragel u l-proprjeta' tal-komunjoni kienu konfuzi flimkien, tant li r-ragel, ghal tul il-hajja tal-komunjoni kien jitqies bhala proprjetarju ta' l-oggetti formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti (ara, per ezempju, id-decizjoni ta' din il-Qorti fil-kawza "Debono vs Mercieca", riportata fil-Vol XXXIV . II . 503).

Bl-att numru XLVI tal-1973, kienet saret emenda li kienet idghajjef ftit il-poter tar-ragel; dan baqa' amministratur komplet u wahdu tal-komunjoni, izda ma setghax aktar jaghti donazzjonijiet minghajr il-kunsens ta' martu. L-ghoti ta' garanzija personali da parti tar-ragel ma gietx, pero, milquta b'dik l-emenda. Dik l-emenda kienet tkopri trasferimenti u l-ghoti ta ipoteka b'mod gratuwiti mhux l-ghoti ta' garanzija personali, li setghet allura, tinghata mir-ragel wahdu kemm b'titolu gratuwiti kif ukoll b'titolu oneruz- ara "Mamo noe vs Abela noe et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Marzu 1990. Sentenza fl-istess sens hija decizjoni ohra moghtija mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza " Borg vs Borg et" deciza fl-14 ta' Gunju 1994, fejn ukoll inghad li garanzija personal iffirmata mir-ragel biss kienet valida u torbot il-komunjoni u ma kienx mehtieg il-firma tal-mara ghal-validita taghha.

F'kull kaz irrizulta li mart il-konvenut kiente mietet f'Marzu tal-1986 mentri il-garanzija personali kienet giet iffirmata fl-1987 u ghalhekk din l-eccezzjoni mhux biss mhux sostenibbli , izda li ghalkwantu zejda u superfluwa.

Fid-dawl tal-permess, dik l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Ghar-rigward tat-tieni eccezzjoni indikata, dik riferibbli ghall-imghax komposti, din il-Qorti ghandha dan xi tghid. L-artikolu li jipprojbixxi l-kalkolu ta' l-imghaxijiet komposti huwa l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili li jimponi c-cirkustanzi ta' kif u meta kreditur jista jitlob l-imghax fuq l-imghaxijiet

maghluqa. Dan l-artikolu jrid jinqara mat-tlieta precedenti li flimkien jirregolaw id-danni dovuti meta jkun hemm ksur ta' obbligazzjoni li jkollha bhala oggett "il-hlas ta' somma determinata" ( art. 1139 Kodici Civili). Dawn l-artikoli qed jitkellmu allura fuq obbligazzjoni ta' mutwu, u mhux fuq obbligazzjoni naxxenti minn kuntratt ta' "*overdraft".* Kuntratt ta' "*overdraft*" ma jittrattax obbligazzjoni ta' "somma determinata", tant hu hekk li l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Warrington noe vs Sciberras" deciza fil-8 ta' Lulju, 1985, kienet osservat li kuntratt li bih Bank jikkoncedi facilita' lill-klijent mhiex titolu ezekuttiv, izda jehtieg dejjem li jkun hemm sentenza li tikkanonizza l-kreditu qabel ma' l-Bank ikun jista' jiehu proceduri ezekuttivi fir-rigward.

Li kuntratt ta' self mhux l-istess bhala kuntratt ta' *overdraft,* johrog ukoll mit-taghlim ta' l-awturi aktar kwotati bhala Messineo, Vidari u Torrente. Dan ta' l-ahhar fil-fatt, jghid li "l'*apertura di credito non deve confondersi con il mutuo e nemmeno con il contratto preliminare di mutuo (promessa di mutuo)*". Dan l-istess awtur ikompli jispjega li " *il mutuo e' un contratto reale che si perfeziona dunque con la consegna della somma, l'apertura di credito e l'anticipazione bancaria sono invece, contratti consensuali: colui a cui favore l'una o l'altra e' concessa puo' disporre della somma, pagando per esempio, i fornitori o i proprii debiti, senza che la somma sia a lui consegnata e senza che si stipuli un successivo contratto definito di mutuo, come sarebbe necessrio se di promessa di mutuo si trattasse. (Manuale di Diritto Privato, 9° Edizione; pagina 572).* Ta' l-istess fehma kienet l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza "Scicluna vs Zinelli" riportata fil- Vol XXX.I.739, u l-Onorabbli Qorti tal- Kummerc fis-sentenza "Piovano vs Fenech" riportata fil-Vol. XXVII.III.466. Kwindi, ma tistax tghid li l-artikolu 1142 tal-Kodici Civili japplika meta l-Bank jikkoncedi fakolta' ta' *"overdraft*", li hu negozju kummercjali distint mill-mutwu u mhux regolat fil-Kodici Civili taghna.

Apparti din il-konsiderazzjoni, is-sistema adoperata mill-Bank li f'kaz ta' konti kurrenti (*overdrafts),* izidu l-imghax kull sitt xhur fuq il-bilanc, giet accettata mill-Qorti taghna

bhala valida u legali f'diversi sentenzi, fosthom, "Scicluna vs Tufigno noe" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc, fil-25 t'April 1940, "Busuttil vs Spiteri Debarro", deciza mill-Onorabbli Qorti tal- Kummerc fil-15 ta' Jannar, 1979, "Mercieca noe vs Borg" deciza mill-istess Onorabbli Qorti tal-Kummerc fis-6 t'Ottubru 1994, u "Bank of Valletta Ltd vs Dalli" deciza minn din il-Qorti fit-28 t'Ottubru, 1999.

Din il-koncessjoni tibqa' topera però, f'kaz li jibqa jopera l-*overdraft facility*, ghax meta il-kont kurrent jigi terminat, l-imghax irid jigi kalkolat bis-sistema normali stabbilit fil-Kodici Civili (ara "Busuttil vs Spiteri Debarro" gia kwotata, u "Azzopardi noe vs Falzon" deciza mill- Onorabbli Qorti ta' l-Appell fl-20 ta' Lulju, 1994). Dan isehh ghax darba li l-facilita' tigi terminata, is-somma dovuta tigi determinata, u bhal obbligazzjoni li ghandha bhala oggett taghha il-hlas ta' somma determinata, ma jistax jintalghab imghax fuq imghax jekk mhux kif kontemplat fl-artikolu 1142 tal-Kodici Civili.

F'dan il-kaz, ir-rapprezentant tal-Bank attur xehed li sar "*call in"* fit-2 ta' Mejju, 1989; l-attur, però, jghid li l-Bank waqaf isarfulu c-cekkijiet ghall-habta ta' Lulju, 1987, u skond ma ddecidiet l- Onorabbli Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Frar, 1988, fil-kawza "Farrugia vs Borg noe", meta l-Bank jieqaf milli jkompli jonora c-cekkijiet li johrog il-klijent, dan ifisser it-tmiem tal-facilità.

Dan kollu premess, però, ghalkemm f'din il-kawza hemm konferma mir-rapprezentant tal-Bank li, f'dan il-kaz, il-Bank adopera l-prattika normali tieghu li l-interessi tahdimhom *'compound'* u dana kull sitt xhur, ma jirrizultax preciz kif sar il-kalkolu u meta l-Bank waqaf juza s-sistema ta' imghaxijiet komposti. Probabbli, l-Bank baqa' jahdem bis-sistema ta' imghaxijiet komposti sad-data li hu ddeskriva bhala d-data tal-"*call in*", izda fuq din il-kwistjoni ma jirrizultawx provi. Il-konvenut ma ressaqx *statement* li juri kemm, skond hu, ghandu jaghti, però, esebixxa zewg *statements* indikanti l-bilanc dovut minnu hekk kif il-Bank waqaf jonora c-cekkijiet tieghu. A bazi ta' dawn l-*istatements*, il-Qorti tista tasal ghall-kalkoli taghha dwar is-somma dovuta. Skond dawn l-*istatements*, il-bilanci dovuti

kienu ta’ Lm 53,862.36 u Lm 29,084.02 rispettivament. Dawn il-figuri wisq probabbli, jindikaw bilanci mahduma b’imghaxijiet komposti, izda huma l-figuri ndikati u accettati mill-konvenut bhala l-bilanci ezistenti meta l-Bank waqaflu l-facilita’; wara dawk id-dati allura, il-Bank ma kellux ikompli jikkalkula imghaxijiet komposti. Fuq dawn il-figuri, l-imghaxijiet semplici ikalkulati sat-30 ta’ Settembru, 1989 (id-data kapitalizzata mill-Bank ghall-fini tac-citazzjoni), wasallu ghal LM9336.16 u LM5213.33 rispettivament. B’hekk is-somma globali dovuta sat-30 ta’ Settembru, 1989, hija ta’ Lm 97,495.87. Din, kwindi, ghandha tkun is-somma li talvolta tista tkun dovuta mill-konvenut.

It-tielet eccezzjoni tirrigwarda n-nullità tac-citazzjoni ghax is-socjeta Ten to Midnight Ltd. giet imharrka b’rapprezentant wiehed meta, skond l-istatut tal-kumpanija, ir-rapprezentanza legali kienet vestita f’zewg diretturi.

Minn ezami tad-dokumenti esebiti, jirrizulta li meta l-kumpanija giet kostitwita fl-1986, kien gie stipulat fl-artikolu 20 li r-rappresentanza giuridika tal-kumpanija kienet vestita f’zewg diretturi, li dak iz-zmien kienu Joseph Borg u bintu Moira Borg. Fl-1989, l-imsemmija Moira Borg irrizenjat minn direttrici u ma jidhirx li giet sostitwita. Ghalhekk meta giet istiuita din il-kawza fl-1990, ghalkemm l-Istatut tal-kampanija baqa’ juri li kien hemm htiega ta’ zewg diretturi, fil-fatt, wiehed biss kien jezisti, il-konvenut Joseph Borg. Is-socjeta’ attrici kellha, proprjament, titlob il-hatra ta’ kuraturi biex jirrappresentaw lill-kumpanija, la darba ma kienux jezistu rapprezentanti taghha skond l-Istatut. Il-Bank attur, però, agixxa biss kontra Joseph Borg in rapprezentanza tal-kumpanija meta dan, wahdu, ma kellux din ir-rapprezentazzjoni.

Din l-eccezzjoni, però, ma gietx sollevata *inlinine litis*, izda giet imressqa bhala eccezzjoni ulterjuri wara li l-kumpanija kienet gia resqet l-eccezzjoni taghha fil-meritu u, kwindi, fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-kumpanija ma setghetx, wara li tkun accettat l-atti tal-kawza u ddifendiet ruhha fil-mertu, tecepixxi ulterjorment li, fuq kollox, hi ma gietx mharrka

sew! Kif qalet din il-Qorti fil-kawza “Napier vs Galea” deciza fis-7 ta’ Marzu, 2001, in-nullità ta’ att gudizzjarju ma tistax tigi milqugha jekk il-konvenut ma jsofriex pregudizzju, u l-fatt li l-konvenut ikkontesta l-kawza fil-mertu, jindika li ma sofra ebda pregudizzju.

Oltre dan, fl-1995 il-kumpanija ghaddiet rezoluzzjoni li bis-sahha tieghu emendat l-artikolu 20 fis-sens li, issa, kull direttur kellu s-seta’ jirrapprezenta l-kumpanija fi proceduri gudizzjarji. Ghalhekk, jekk jista jigi argumentat li fl-1990 il-kumpanija Ten to Midnight Limited giet mharrka irregolarment, bis-sahha ta’ l-emenda li giet introdotta fl-Istatut tal-kumpanija fl-1995, dik it-tahrika saret regolari u dik il-kumpanija, allura, giet validament rapprezentata anke in forza tal-principju *jus supeveniens firmat actionem et exceptionem*. Din id-duttrina, illum, ghandha applikazzjoni wiesgha u kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-decizjoni li tat fis-7 t’Ottubru, 1988, fil-kawza “ Laferla vs Falzon et”, din id-duttrina ghandha tigi applikata f’kull kaz li l-bazi ta’ l-azzjoni tavvera ruhha fil-mori tal-kawza, u mhux necessarjament biss meta t-talba tkun soggetta ghal xi kundizzjoni li tavvera ruhha fil-mori (ara wkoll “Bonanno vs Bonanno et” deciza wkoll mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fid-29 ta’ Jannar 1997). Ghaldaqstant, anke din l-eccezzjoni tal-konvenut qed tigi michuda.

Ir-raba’ eccezzjoni indikata hija dik ta’ preskrizzjoni ta’ hames snin bazata fuq l-artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili. Din l-eccezzjoni giet sollevata minn Moira Balzan u Joseph Borg ghan-nom tal-kumpanija Ten to Midnight Ltd. u dan wara li din il-Qorti kienet, b’digriet tal-15 ta’ Novembru 1993, ordnat il-korrezzjoni fl-okkju biex wara l-isem ta’ Joseph Borg jizdied l-isem ta’ Moira Balzan, it-tnejn in rappresentanza tal-kumpanija (u dan avolja Moira Balzan kienet irrizenjat minn direttrici tal-kumpanija fl-1989!). Wara din il-korrezzjoni, Joseph Borg, fis-seduta tat-12 ta’ Jannar 1994, ta’ ruhu notifikat bl-att tac-citazzjoni kif korrett f’isem bintu u f’isem il-kumpanija, u dawn ipprezentaw in-Nota tal-Eccezzjonijiet taghhom fit-28 ta’ Jannar, 1994. Din l-eccezzjoni, f’kull kaz, ma tikkoncernax lil Joseph Borg personalment jew lill-

kumpanija Marks & Charles Limited li ma ressqu ebda eccezzjoni ta' preskrizzjoni.

Il-preskrizzjoni f'kaz ta' kont kurrent jibda jiddekorri minn meta l-apertura ta' kreditu tinghalaq u dan peress li kont kurrent huwa sors ta' relazzjoni kontinwa ghal tul iz-zmien kollu li dan ikun in operazzjoni – ara "Agius noe vs Agius noe et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fl-20 ta' Marzu, 1979. Kif qalet, però, l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fil-kawza "Scicluna vs Gatt", riportata fil-volum XXX. III.368, il-preskrizzjoni applikazzjoni f'kaz ta' kont kurrent mhux dik ta' hames snin, izda ta' tletin sena.

L-istess jista' jinghad ghal kaz ta' self li, f'dan il-kaz, jirrizulta minn kuntratt pubbliku. L-artikolu 2156(f), indikat mis-socjeta' konvenuta, jistipula terminu ta' hames snin ghal kull obbligazzjoni kummercjali, sakemm dik l-obbligazzjoni ma tkunx tirrizulta minn kuntratt pubbliku. F'dan il-kaz, iz-zewg obbligazzjonijiet fil-konfront tas-socjeta' konvenuta Ten to Midnight Limited johorgu minn kuntratti notarili li gew pubblikati fis-26 ta' Frar, 1987, u kwindi l-preskrizzjoni invokata mhux applkabbli.

Apparti dan, il-kawza giet presentata fi Frar ta' 1990, entro l-hames snin mill-1987, id-data li fiha, skond il-konvenut, twaqfitlu l-facilità. Kif inhu risaput, il-prezentazzjoni biss ta' kawza kontra debitur, hu bizzejjed ghall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni, indipendentement minn notifika taghha – ara "Bonello vs Bonello" deciza minn din il-Qorti fit-22 t'April, 1983, u "Formosa vs Desira" deciza wkoll minn din l-istess Qorti fl-24 ta' Jannar, 1990. Kif osservat din il-Qorti fil-kawza "Zarb vs Camilleri" deciza fit-30 ta' Mejju, 1997, jekk, bil-korrezzjoni li tkun awtorizzata, il-kawza "tibqa' l-istess", in-notifika mill-gdid ma taghmilx differenza ghall-preskrizzjoni li tibqa' interrotta bil-ftuh tal-kawza.

Din l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha, ghalhekk, u qed tigi michuda.

Nigu issa ghall-eccezzjoni nnumerata numru hamsa minn din il-Qorti. F'dik l-eccezzjoni, il-konvenuti qed jallegaw li l-garanzija fuq immobbli li ta' l-konvenut Joseph Borg lill-

Bank mhiex valida ghax dik il-proprjetà ma kienetx kollha ta' Joseph Borg, izda tieghu u ta' wliedu Moira u Gino, bhala werrieta t'ommhom, li mietet fis-27 ta' Marzu, 1986, u dan peress li dik il-proprjetà kienet tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti gia ezistenti bejn Joseph Borg u martu. Din il-Qorti tinnota li, ghalkemm il-konvenuti wrew li mart Joseph Borg mietet intestata u li l-eredi taghha huma, skond il-ligi, z-zewg uliedha msemmija, ma saret ebda prova li l-proprjetà mmobiljari moghtija in garanzija, kienet, fil,fatt, proprjetà tal-komunjoni. Kien l-oneru tal-konvenuti li ressqu din l-eccezzjoni li jgibu l-prova mehtiega biex juru li dik il-proprietà kienet tal-komunjoni, izda dan naqsu li juruh.

F'kull kaz, anke jekk kien jirrizulta dak li allegaw il-konvenuti, u cioè, li l-proprjetà in garanzija ma kienetx kollha ta' Joseph Borg, dan ma kienx wassal ghan-nullità tal-garanzija, izda, se mai, dik il-garanzija u l-ipoteka relattiva, kienet tigi ridotta ghal sehem il-missier, u cioè, in-nofs.

Il-Qorti tirrimarka li hija ddecidiet din l-eccezzjoni ghax giet sollevata u trattata mill-konvenuti, ghax, proprjament dik l-eccezzjoni ma tolqotx il-mertu ta' din il-kawza. Din il-kawza hija intenzjonata ghal kanonizazzjoni tal-kreditu pretiz mill-Bank attur, u mhux ghall-esekuzzjoni tal-istess kreditu fuq il-proprjetà ipotekata; din il-kwistjoni kellha tigi sollevata u mistharrga meta l-kreditur, hekk kanonizzat, jghaddi ghall-eskuzzjoni tal-kreditu.

F'kull kaz, din il-Qorti ttrattat dik l-eccezzjoni sollevata, ghax hekk mitluba mill-konvenuti, u qed tghaddi biex tichad l-istess.

Jibqa' x'jigi trattat is-sitt u l-ahhar eccezzjoni li hi fis-sens li l-Bank attur ippregudika d-drittijiet tal-konvenuti garanti a bazi ta' l-artikolu 1959 tal-Kodici Civili. Din l-eccezzjoni tolqot biss lill-garanti solidali u mhux lid-debitur principali. Din l-eccezzjoni ghandha tigi diskussa taht zewg aspetti:

a) li l-Bank ippregudika l-interessi tal-konvenuti meta ma hax il-garanzija ta’ terzi kif kien obbliga ruhu fis-sanction letter tieghu tat-2 ta’ Frar, 1987; u

b) li l-Bank ippregudika l-istess interessi meta ppermetta lis-socjetà garanti Marks & Charles Limited titrasferixxi xi proprjetà ipotekata lis-socjeta J.E.M. Investments Limited.

Dwar l-ewwel kwistjoni, ma jirrizultax, bhala fatt li l-bank ma hax garanzija personali minghand terzi, ghax hadd, lanqas ufficcjal tal-Bank, ma seta jghid jekk dik il-garanzija inghatatx jew le. Hu, ovvjament, obbligu tal-konvenut eccipjent li jipprova dak li allega li, f’dan il-kaz, naqas li jaghmel din il-prova.

Minbarra dan, il-htiega tal-garanzija personali giet imposa bhala kundizzjoni mill-Bank fl-interess tieghu, u ma kienetx kundizzjoni imposta mill-garanti personali eccipjent. Fi kliem iehor, meta l-garanti personali accetta li jkun garanti *in solidum*, f’ebda hin ma insista jew impona kundizzjoni li jkun hemm ohrajn mieghu garanti. La meta iffirma l-kuntratti fis-26 ta’ Frar, 1987 u lanqas meta, fl-14 ta’ Marzu, 1987, il-garanti personali konvenut iffirma l-garanzija, ma nsista li l-ohrajn jiffirmaw ukoll. Kien il-Bank li, fis-*sanction letter,* afferma li xtaq garanzija personali minn tlett minn nies, u l-Bank stess ghandu kull dritt ma jinsistix fuq kundizzjoni li impona huwa stess fl-interess tieghu.

Il-garanti jilmenta li, minhabba dan l-agir tal-Bank, hu gie mcahhad mill-possibilità li jaqsam id-dejn mal-ko-garanti l-ohra. Din il-possibilità, però, ma tapplikax f’dan il-kaz, ghax ghalkemm, fil-konfront tal-kreditur, il-garanti huma obbligati *in solidum* mad-debitur proncipali, id-dejn hu wiehed li ghandu x’jaqsam mieghu wiehed biss mill-kondebituri, u ghalhekk, japplika l-artikolu 1109 tal-Kodici Civili li jiddisponi li, f’kazijiet bhal dan, il-persuni obbligati *in solidum*, jitqiesu, rigward dak il-kondebitur, bhala garanti biss. Dan ifisser li l-obbligu ahhari tar-rifussjoni tkun biss fuq dak il-kondebitur partikolari (li jkun ha vantagg mid-dejn) u mhux fuq il-garanti l-ohra. Ghall-persuna li tidhol garanti solidali ghad-dejn li ha haddiehor,

ftit li xejn taghmillu differenza jekk ikunx garanti wahdu jew ma' ohrajn, ghax jekk hu jigi mfittex mill-kreditur biex ihallas, huwa dak il-haddiehor, u mhux il-garanti l-ohra, li jkun "obbligat ghad-dejn kollu lejn il-kondebituri l-ohra". Id-dritt ta' ridress tal-garanti li jhallas, tkun, fi kliem iehor, ezercitabbli fil-konfront tad-debitur principali li ha vantagg mid-dejn, u mhux fil-konfront tal-garanti l-ohra (hlief ghal kaz ta' insolvenza fejn japplikaw regoli ohra).

Illi, fit-tieni lok, il-konvenut Joseph Borg personalment, bhala garanti *in solidum*, id-dejn tad-debitur principali, ilmenta li meta l-proprjetà li kienet tiggarantixxi d-dejn giet ittrasferita fid-28 ta' Frar 1988, b'kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Joseph Henry Saydon, lil J.E.M. Investments Limited, il-Bank, li ma agixxiex entro ghaxar snin biex jipprotegi l-ipoteka li kellu fuq dik il-proprjetà u b'hekk halla l-istess ipoteka tiskadi, ippregjudika d-dritt tieghu ta' rivalsa kontra l-ko-garanti, u, ghalhekk, ghandu jigi mahlul mill-garanzija personali li hu kien ta'.

Ghandu jinghad li, skond l-artikolu 2084(d) tal-Kodici Civili, il-privilegi u l-ipoteki jigu estinti bil- preskrizzjoni, u l-artikolu 2086 ikompli jiddisponi illi meta l-proprjetà ipotekata tghaddi f'idejn terzi, il-preskrizzjoni favur it-terzi hija ta' ghaxar snin mid-data tal-akkwist, b'mod li, gheluq l-ghaxar snin, dik il-proprjetà tigi libera mill-ipoteki u l-privileggi li kienu gew imposti fuqha minn qabel l-akkwist, u dan anke jekk il-kreditur ma kienx jaf bit-trasferiment tal-proprjetà f'idejn it-terzi. Ghalhekk, hu minnu li meta l-proprjetà in kwistjoni giet trasferita lis-socjetà J.E.M. Investments Limited fid-29 ta' Frar, 1988, u l-Bank attur ma agixxiex fi zmien ghaxar snin mid-data ta' dak l-att, *il diritto di seguito* li kellu l-Bank bil-ligi fuq dik il-proprjetà hekk trasferita, gie estint.

Jinghad ukoll li meta ko-debitur ihallas lill-kreditur l-kreditu tieghu, huwa jigi ssurrogat fid-drittijiet tal-kreditur. Din is-surroga, skond l-artikolu 1166(c) topera *ipso jure* ghax tkun saret minn dak "li kien obbligat ma ohrajn jew ghall-ohrajn ghall-hlas tad-dejn u kellu interess ihallsu".

Jinghad ukoll illi skond l-artikolu 1959 tal-istess Kodici Civili, il-garanti, anke *in solidum*, jigi mehlus mill-garanzija, jekk is-surroga ghad-drittijiet tal-kreditur ma tkunx tista ssir minhabba xi nuqqas ta' l-istess kreditur.

Dan premess din il-Qorti tinnota fl-ewwel lok, li d-dritt ta' rivalsa li, skond il-konvenut Joseph Borg, gie pregjudikat, huwa d-dritt, fi kliem l-istess konvenut, "li jdur fuq il-ko-garanti ohra", mentri, f'dan il-kaz, gia intwera illi, b'applikazzjoni tal-artikolu 1109 tal-Kodici Civili, d-dritt ta' rivalsa tal-garanti huwa fil-konfront tad-debitur principali li huwa obbligat wahdu "ghad-dejn kollu". Dan id-dritt bl-ebda mod ma gie pregjudikat bit-trasferiment in kwistjoni u ghalhekk, l-ilment tal-konvenut Joseph Borg ma jreggix.

Oltre dan, ghandu jinghad, li t-trasferiment in kwistjoni sar wara talba li ghamel l-istess konvenut Joseph Borg. Dan Joseph Borg mhux persuna estranea ghall-kull ma sehh, ghax mhux biss li hija l-persuna li hija involuta direttament fis-socjetajiet Ten to Midnight Limited u Marks & Charles Limited, debitur principali u garanti *in solidum*,izda wkoll ghandha interess konsiderevoli fis-socjeta' akkwirenti, J.E.M Investments Limited (it-tlett socjetajiet huma, fil-fatt, ta' l-istess familja Borg), u kien hu stess li biex inaqqas il-pressjoni fuqu tad-dejn, hareg bil-proposta li jekk il-Bank jaccetta li s-socjetà Marks & Charles Limited tithalla tbiegh proprietà lil J.E.M. Investments Limited, ikun jista jsir pagament akkont ta' somma konsiderevoli lill-istess Bank. F'dak iz-zmien, il-Bank attur kien gia beda jippressa lill-konvenut biex ihallas dejnu, u dan, biex jiehu ftit ta' nifs u jkun jista jkompli jinnegozja b'kumpanija ohra, ippropona li l-kumpanija Marks & Charles Limited tbiegh il-proprietà garantita bi prezz miftiehem anke mal-Bank, biex il-Bank jiehu dak il-prezz bhala hlas "*on account*", u l-proprjetà tghaddi ghand il-kumpanija l-ohra ta' Joseph Borg libera minn kull ipoteka, halli l-istess Joseph Borg ikun jista jkompli jinnegozja b'dik il-proprjetà, bi hsieb li jkun f'pozizzjoni jkompli jhallas lill-Bank attur.

Dan kollu sar bi ftehim bejn Joseph Borg u ufficcjali tal-Bank attur (ara xhieda ta' l-istess konvenut a fol 241 u d-dokument a fol 307 tal-process), u l-konvenut Borg ma

jistax issa jilmenta li gie pregjudikat b'arrangament li pprovoka hu stess a beneficcju tieghu.

Jista jinghad, hu veru, li hu kien qed jagixxi u jinnegozja dan l-arrangament f'isem it-tlett socjetajiet involuti, u qatt f'ismu, però, fic-cirkustanzi mhux kaz li Joseph Borg personalment ghandu jithalla jinheba wara l-personalitajiet distinti ta' dawn is-socjetajiet. Jekk meta kien qed jaghmel dan in-negozju, kellu dejjem il-hsieb, wara mohhu, li eventwalment iqajjem din l-eccezzjoni ta' pregjudizzju meta jigi mfittex personalment, allura huwa kien qed jagixxi in *mala fede* u bi *frode*, u min jagixxi bi *frode* ma jista qatt jinheba wara l-"*corporate veil"* tas-socjetajiet tieghu, (ara principju kif applikat minn din il-Qorti fil-kawza "HSBC Bank plc vs Fenech Estates Ltd et", deciza fid-19 ta' Jannar, 2000, u fil-kawza "Borg noe vs Carbone noe" deciza fit-30 ta' Mejju, 2002).

Kif qalet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Gambina noe vs Vassallo et" deciza fil-5 t'Ottubru 1998, fic-cirkustanzi, il-garanti kellhon jiehdu hsieb jipprotegu l-interessi taghhom, u ma kellhomx jippretendu li ohrajn jipprotegu l-interessi taghhom. Il-Bank, f'dak il-kaz, ma agixxiex in *mala fede*, u ma naqqas id-drittijiet ta' rivalsa meta kkonceda facilità ulterjuri lid-debitur principali. Lanqas f'dan il-kaz ma l-Bank attur agixxa in *mala fede*; hu anzi, ipprova jaggevola lill-konvenut u l-istess konvenut personalment kien ben konxju ta' kull ma kien qed issir; hu setgha, kieku ried, jipprotegi l-interessi tieghu b'mod iehor, izda kien kuntent b'dak l-arrangament li rnexxielu jirranga. Jekk tnaqqset xi garanzija, di ma saretx bi htija jew nuqqas tal-kreditur (kif jitlob l-artikolu 1959), u kwindi, il-garanti jibqa xorta wahda marbut favur il-Bank kreditur.

Din l-ahhar eccezzjoni qed tigi wkoll ghalhekk michuda.

Wara li cahdet l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, din il-Qorti kkunsidrat it-talbiet tal-attur *nomine*, u wara li ezaminat id-dokumenti minnu esebiti, issib li t-talbiet tieghu jimmeritaw li jkunu akkolti. Din il-Qorti issib biss illi, peress l l-kuntratti gew kollha iffirmati meta l-konvenut Joseph Borg kien gia armel, l-ahwa Eugenio sive Gino u

Moira Borg, ghalkemm setghu kellhom interess iressqu Nota tal-Eccezzjonijiet f'din il-kawza, mhumiex il-legittimi kontradditturi tal-azzjoni attrici u, kwindi, m'ghandhomx personalment jigi kkundannati jhallsu s-somma mitluba.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddeciedi din il-kawza, billi tillibera lill-kjamati fil-kawza Eugenio sive Gino u Moira Balzan ahwa Borg mill-osservanza tal-gudizzju, u, previa li tichad l-eccezzjonijiet kollha sollevati, kemm mill-konvenuti u kif ukoll mill-kjamati fil-kawza, tilqa' t-talbiet tal-attur *nomine* kif dedotti, u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom ihallsu lill-attur *nomine* s-somma ta' LM97,495.87,( seba' u disghin elf, erba' mija u hamsa u disghin liri Maltin u seba' u tmenin centezmi) bl-imghaxijiet legali ta' 8% mit-30 ta' Settembru, 1989, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha ta' din il-kawza jithallsu mill-konvenuti kollha *in solidum* bejniethom.

IMHALLEF

D/REG